# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1018/2024/1 (AD)**

## SALVO GRIMA GROUP LIMITED (C2635)

**VS**

## ELHAM ZUGHAID (KI 105692A)

**FIL-KWALITA' TAGĦHA BĦALA MANDATARJA TAL-ASSENTI**

## HASAN SENOUSSI ZUGHAID

**LI GĦANDU PASSAPORT BRITTANIKU BIN-NUMRU 521445523 U PASSAPORT LIBIKU BIN-NUMRU 364780 SKONT PROKURA ĠENERALI HAWN ANNESSA DOKUMENT A TRANSUNTATA FL-ATTI TAN-NUTAR DOTTOR MICHAELA PACE TAT-18 TA' FRAR 2020**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors tas-soċjeta' Salvo Grima Group Limited ippreżentat fl-erbatax (14) ta' Ġunju 2024;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fl-erbatax (14) ta' Ġunju 2024, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimata noe milli:

> **Tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* jew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari, il-fond:**
>
> **(i.) l-ewwel u t-tieni sular u ż-żewġ kantini taħthom, magħrufa bħala *level minus one* (-1) u *level minus two* (-2) tal-Blokka, liema blokk bini mingħajr numru li jikkonsisti f'ħames sulari, tnejn minnhom sulari taħt l-art li huma maħsuba biex jintużaw bħala car park li ser jiġu rriferuti bħala *level minus 1 (-1) u two (-2)* u żewġ sulari oħra fl-ewwel (1) u t-tieni (2) sular u l-car park fil-madwar fis-sular t'isfel liema proprjeta' hi mibnija fuq parti minn art magħrufa bħala 'Tas-Suwed' fl-area magħrufa bħala 'Tal-Horr' b'faċċata fuq Triq il-Palma, Paola mibnija fuq il-parti tal-art tal-kejl seba' mija punt sitta u tmienja metri kwadri li hija mdawra fit-Tramuntana ma' Triq il-Palm, mal-Punent tal-istess porzjon tal-art hawn isfel imsemmi proprjeta' ta' Anthony Borg u Nofsinhar ma' Santa Luvia Avenue, liema porzjon hu ħieles u bla xkiel u in parte fuq porzjon ieħor tal-art li oriġinarjament kien tal-kejl ta' tmien mija wieħed u tletin punt wieħed disgħa metri kwadri (831.19sq.m) li mitejn ħamsa u sittin punt ħames metri kwadri (265.5sqm) jifforma parti mill-art li ġie mibni fuqu x-showroom, mitejn erbgħa u disgħin punt tlieta sebgħa metri kwadri (294.37sq.m) huwa area tat-triq, flimkien mal-proprjeta' tal-partijiet komuni fis-sular**

**tal-kantina u mill-bqija, d-dritt tal-użu tal-partijiet komuni fil-blokk, eskluż l-arja relattiva tal-blokka u eskluża kamra fis-*semi-basement level* li huwa fis-sular -1 tal-kejl ta' disgħa u għoxrin punt sitta metri kwadri, mingħajr numru, u mdawwar min-naħat kollha mill-proprjeta' tal-eredi fit-titolu ta' Eurostyle Limited, liema kamra tospita substation tal-Enemalta, u liema proprjeta' ġiet trasferita f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Daniela Grech datata t-tlieta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (23.11.2006) u li għalhekk, eskluż minn dan it-trasferiment huwa x-showroom fil-*groundfloor* u l-ispazji tal-parkeġġ madwarha, il-bejt tal-blokk u l-proprjeta' tal-parti komuni tal-blokk u l-kamra msemmija fil-livell tal-kantina.**

**(ii) Flat numru 3 fit-tieni sular u l-garaxx korrispondenti immarkat numru ħamsa (5), it-tnejn jiffurmaw parti minn blokk immarkat numru wieħed u sittin (61) u imsemmi 'Kristy Flats' fi Triq Tigne, Sliema.**

**(iii) Garaxx mingħajr numru, immarkat numru tnejn (2) fil-*Lower Basement Level* (LB2), liema garaxx hu aċċessibbli mill-passaġġ li jagħti għal numru tnejn u għoxrin A (22A), Triq Sant'Antnin, Sliema. Dan l-imsemmi garaxx jifforma parti minn block imsemmi *Rosewood Court* u liema blokk tikkonsisti f'għaxar sulari, speċifikament, żewġ livelli ta' garaxxijiet, *Lower Basement Level* u *Upper Basement Level*, seba' sulari ta' appartamenti u mas-sular tal-Penthouse mibnija fuq is-sit li qabel kien jiġi okkupat mid-dar numru tnejn u sittin (62), f'Triq Tigne, Sliema;**

**(iv) L-appartament internament immarkat tnax (12) f'Dolmen Court, Qawra fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, f'blokk mingħajr numru fi Triq Għawdex, liema blokk ta' appartamenti huwa mdawwar mill-Punent fl-istess triq li tagħti għal Triq Qawra u fit-Tramuntana u fin-Nofsinhar tal-proprjeta' tal-eredi fit-titolu ta' Melita Properties Limited.**

Dan sabiex tikkawtela **kreditu** fl-ammont ta' tliet mija u tnejn u disgħin elf, tliet mija u tmienja u ħamsin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€392,358.34);

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar l-erbatax (14) ta' Ġunju 2024 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. L-intimata noe ġiet debitament notifikata bir-rikors, digriet u avviż tas-smigħ nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2024, iżda naqset milli tippreżenta risposta għat-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni fit-terminu lilha konċess.

**Il-Qorti**

5. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

6. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Lulju 2024;

7. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

8. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tinnota illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern ma saritx fil-forma "ġenerika" għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bl-użu tal-Formola Numru 21 tal-iSkeda B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda fil-forma stabbilita fl-**Artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u cioe mandat sabiex jiżgura dejn jew pretensjoni illi tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.86) bl-użu tal-Formola Numru 25;

9. L-**Artikolu 874 tal-Kap 12** jistabbilixxi illi:

> *(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*
>
> *[...]*

10. Id-distinzjoni bejn l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 u l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 ġiet senjalata fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Rose Marie Galea et vs Maria Dolores sive Doreen Desira et***[1], fejn ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta illi:

[1] Mandat t'Inibizzjoni Nru 277/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 23 ta' Ġunju 2020

*Tajjeb jingħad illi l-Art 874(1) m'għandux jinqara bħallikieku jikkonfliġġi mal-Art 873 tal-Kap 12 għaliex fir-realta' ma hemm l-ebda konflitt bejn iż-żewġ disposizzjonijiet. L-Art 873 huwa aktar ġeneriku mill-Art 874. Għax hu maħsub biex ikun hekk, jimponi rekwiżiti ad hoc, bħal dak tal-"preġudizzju rrimedjabbli" li kien koltivat u żviluppat mill-ġurisprudenza, aktar milli mit-test **<u>strett</u>** tal-liġi, rekwiżit dan illi **<u>mhuwiex</u>** inkluż fl-Art 874.*

*It-talba għall-ħruġ tal-Mandat skont l-Art 874 hija għodda **<u>oħra</u>** (innota l-frażi **"<u>ukoll</u>"**) li għandu mhux kull min jallega li għandu jedd "prima facie" li se jkun preġudikat b'mod irrimedjabbli, iżda li għandu kreditur b'debitu favur tiegħu li jaqbeż €11,646.86. Kif taraha din il-Qorti, il-punto d'incontro bejn iż-żewġ disposizzjonijiet huwa, anke għall-fini tal-Art 874(1), li l-kreditu jrid jirriżulta minn dritt "prima facie".*

11. L-istess prinċipji ġew esposti f'aktar dettall fid-digriet mogħti riċentement minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Adrian Puglisevich et vs Vladimir Joseph Puglisevich***[2]:

*15. F'każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-rikorrent jeħtieġlu juri żewġ affarijiet ewlenija. Fl-<u>ewwel lok</u>, ir-rikorrent irid juri li huwa għandu mad-daqqa t'għajn, kreditu jew pretensjoni kontra l-intimat f'ammont li huwa ogħla minn €11,646.86; u fit-<u>tieni lok</u>, ir-rikorrent irid jispeċifika l-ġid li huwa qiegħed jitlob li jinżamm milli jiġi trasferit;*

[2] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1800/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 11 ta' Jannar 2022. Ara wkoll Mandat t'Inibizzjoni 1227/2021 fl-ismijiet ***Nutar Dr Sylvana Borg Caruana vs Sharon Ellul Bonici***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 3 ta' Settembru 2021

*16. Dwar l-<u>ewwel ħtieġa</u>, il-liġi titlob biss li l-kreditu jew pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx inqas minn €11,646.86. F'dan is-sens, il-ġurisprudenza tgħallimna li dwar il-jedd prima facie, il-liġi fl-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** timxi biss fuq il-pretensjoni u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa (ara **Avv. Etienne A. Calleja nomine et v. Peppercorn Limited et proprio et nomine** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru 2019);*

*17. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' dejn jew pretensjoni hemm bżonn illi jkun hemm. Jekk id-dejn jew pretensjoni taqbeż il-€11,646.86, allura dan jitqies bħala jedd li mad-daqqa t'għajn huwa biżżejjed biex jinħareġ il-mandat (ara **Alfred Testa v. Carmel sive Charles Giordmaina et**, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Fraar 2016);*

*18. Għal darb'oħra kontra dak li jgħid l-intimat fir-risposta tiegħu, fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** ma hemmx bżonn li r-rikorrent juri li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara irrimedjabbli jew ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor bħal fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara **Joseph Portelli v. St. John Development Limited** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju 2016). Mod ieħor, għall-finijiet ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-possibilta' waħedha li l-parti intimata tista' titħajjar tittrasferixxi, tgħabbi jew tgħaddi minn idejha xi ġid li jkun jista' jservi bħala garanzija għall-pretensjonijiet tal-parti rikorrenti kreditriċi huwa biżżejjed biex isejjes il-ħtieġa tal-mandat (ara **Joseph Demicoli et***

*noe v. Angelic Mifsud* deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2016);*

12. Huwa evidenti għalhekk illi, hekk kif ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Steve Agius vs Carmel sive Charles Deguara***[3]*:*

> *Fil-fehma tal-Qorti r-rekwiżiti meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 ma humiex rigorużi daqs ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 u dan għaliex fejn si tratta ta' pretensjoni ta' kreditu li għad trid tiġi deċiża f'kawża fil-mertu, una volta li r-rikorrent jipprova sodisfaċentement illi għandu prima facie jedd x'jikkawtela, jinkombi fuq l-intimat li juri illi anke f'dawk iċ-ċirkostanzi l-ħruġ tal-mandat mhux meħtieġ.*

13. Ġie ritenut ukoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Deguara vs Anthony Deguara et***[4]:

> *Illi għal finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni li trid tqis il-Qorti huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub.*
>
> *Tqis ukoll li l-artikolu 874(1) jgħid ċar li Mandat bħal dak jista' jinħareġ fuq is-saħħa ta' "dejn, jew kull pretensjoni oħra" sakemm tkun pretensjoni li taqbeż l-ammont li dwaru Mandat bħal dak jista' jinħareġ. Il-liġi ma tgħidx u ma*

[3] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1439/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 12 ta' Ottubru 2021
[4] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1924/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Ian Spiteri Bailey, 20 ta' Jannar 2022

*tiddistingwix x'għamla ta' pretensjoni tista' tkun, sakemm hija pretensjoni li tissarraf f'valur ogħla mil-limitu msemmi f'dak l-artikolu.*

*Illi, minkejja t-termini partikolari tal-imsemmi artikolu, <u>huwa meħtieġ li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan juri lill-Qorti x'għamla ta' pretensjoni hi u kif il-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ għall-ħarsien tagħha</u>.*

*[...]*

*F'dawn il-proċeduri, il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandu l-intimat iżda ai termini tal-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, <u>tara oġġettivament jekk ir-rikorrenti għandhomx pretensjoni ta' jedd</u>. Mhix il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali ai finijiet oġġettivi tal-liġi.*

14. Dwar dan il-punt tal-aħħar esprimiet ruħha wkoll din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Rose Marie Galea et vs Maria Dolores sive Doreen Desira et*** sutitat:

*Tajjeb li jkun riaffermat illi l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja. Huwa propju għalhekk li l-liġi stabbiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ tal-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi proċediment bħal dak tal-lum kull ma għandu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd, u fejn il-grad tal-prova ma jkunx aktar dak ta' prima facie. Għalhekk bil-fatt illi tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant ieħor m'għandux ifisser li jekk il-ħruġ tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix.*

> *Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li bil-metodu sommarju għandha tkun propju din il-qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Il-mansjoni ta' din il-qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.*

15. Premess dan kollu, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji legali suesposti għaċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami;

16. Dwar dik illi hija l-**<u>pretensjoni tar-rikorrenti noe</u>**, din il-Qorti tosserva illi mir-rikors promotur jirriżulta illi l-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti hija għal *"versamenti magħmula mill-istess soċjeta' rikorrenti għan-nom tal-intimat"* kif riżultanti mill-iskrittura annessa mar-rikors promotur bħala **Dok B** a fol 12 tal-proċess u r-rendikont anness bħala **Dok C** a fol 14 tal-proċess, liema pretensjoni s-soċjeta' rikorrenti tikkwantifika bħala debitu fl-ammont ta' tliet mija u tnejn u disgħin elf, tliet mija u tmienja u ħamsin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€392,358.34), oltre l-imgħax legali fuq l-ammont pretiż;

17. L-ammont pretiż kif kwantifikat jeċċedi s-somma ta' €11,646.86, u jista' għalhekk jiġi kkunsidrat illi dan l-element huwa sodisfatt. Jonqos iżda illi tiġi identifikata l-għamla tal-pretensjoni u l-ħtieġa tal-ħruġ tal-mandat għall-ħarsien tal-istess pretensjoni;

18. Skont l-iskrittura esebita mis-soċjeta' rikorrenti bħala **Dok B** a fol 12 tal-proċess, kien Hasan Zughaid stess illi ddikjara illi kien dovut minnu lis-soċjeta' rikorrenti ħlas fis-somma ta' €387,298 sas-sbatax (17) ta' Lulju 2019, rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €32,000 dejn oriġinarjament dovut lis-soċjeta' rikorrenti minn terz, u s-somma ta'

€355,298 *"in respect of diverse professional fees and taxes incurred in Switzerland, Luxemburg and Malta being the holding costs in respect of the investment property – CC Buildings in Palm Street, Paola, Malta – between 2007 and 2019"*. Inoltre, imbagħad, ir-rendikont immarkat **Dok C** a fol 14 tal-proċess jinkludi tliet items oħra addizzjonali, fis-somma ta' €471, €1,993.27 u €2,596.00 rispettivament, dovuti għal servizzi reżi wara s-sbatax (17) ta' Lulju 2019, sabiex it-total hekk iwassal għall-istess somma globali pretiża mis-soċjeta' rikorrenti, ta' €392,358.34. Din il-Qorti għalhekk tqis illi ġiet sodisfaċentement pruvata, sal-grad *prima facie*, l-għamla tal-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti;

19. Min-naħa tagħha, l-intimata noe, fit-trattazzjoni tagħha tal-mandat odjern, opponiet għall-mandat odjern billi sostniet illi l-valur tal-proprjeta' indikata mis-soċjeta' rikorrenti fil-mandat odjern jiżboq ferm il-valur tal-ħlas illi l-istess soċjeta' rikorrenti qed tippretendi; madanakollu, fl-istess waqt, l-intimata noe la ġġib prova tal-allegazzjoni tagħha illi l-valur tal-proprjeta' huwa ferm ikbar mill-valur tad-dejn illi s-soċjeta' rikorrenti qed tippretendi illi huwa dovut lilha, la ġġib prova illi permezz tagħha tagħti lil din il-Qorti x'tifhem, fuq bażi *prima facie*, illi l-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti hija infondata, u lanqas iġġib prova illi għandha mezzi oħra illi jistgħu jagħmlu tajjeb għad-dejn. Għaldaqstant, meta tiżen fuq keffa waħda l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti rnexxielha ġġib prova fuq bażi *prima facie* illi għandha pretensjoni x'tikkawtela, u fuq il-keffa l-oħra l-fatt illi l-intimata noe ma ġabet l-ebda prova illi l-mandat mhuwiex meħtieġ, din il-Qorti tqis illi l-mandat odjern huwa meħtieġ, u illi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti timmerita illi tintlaqa';

20. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **<u>tilqa</u>'** t-talba rikorrenti.

**Decide**

21. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tikkonferma</u>** b'mod definittiv id-digriet tal-erbatax (14) ta' Ġunju 2024; u

ii. **<u>Tilqa</u>'** t-talba rikorrenti.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu ta' Hasan Senoussi Zughaid.

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa, sbatax (17) ta' Lulju 2024.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**